MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 992/2004

**Thomas Smith Insurance Agency Limited, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assikurat taghha George Vassallo**

**vs**

**Colin Said u b'digriet tat-Tribunal tad-9 ta' Lulju 2004, il-kunjom tal-konvenut inbidel u gie jinqara bhala Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm727.36) rappresentanti danni sofferti minnhom per konsegwenza ta'l-incident stradali illi gara fl-20 ta' Settembru 2002 f'San Gwann,

Malta, bejn il-vettura Tata misjuqa mill-konvenut bin-numru EAH 962 u proprjeta ta’ Leo Attard u Fiat Punto bin-numru LGA 326 proprjeta ta’ George Vassallo misjuqa minn Luke George Vassallo, liema incident sehh unikament tort ta’l-istess konvenut minhabba inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku fejn l-konvenut habat mal-vettura misjuqa minn Luke George Vassallo minn wara u dana skond kif hemm imnizzel fil-formola *Front-to-Rear Collision* debitament iffirmata mill-istess konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ta’ Novembru 2002 u ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-4 ta’ Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ sebgha mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm727.36).

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ta’ Novembru 2002 u ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------